# L-Istudji Soċjali għall-Primarja Is-Sitt Sena

**Pjan ta' ħidma:**

| ELECTIVE | | |
| --- | --- | --- |
| ***Elective topics*** | Agħżel TLIET (3) blokki minn Ċ6.2, Ċ6.3, Ġ6.2, Ġ6.3, S6.2, S6.3, S6.4 | • **Ċ6.2** (*Ngħinu lil Xulxin*) Ċ6.2.1, Ċ6.2.2, Ċ6.2.3, Ċ6.2.4, Ċ6.2.5<br>• **Ċ6.3** (*Immorru Nixtru*) Ċ6.3.1, Ċ6.3.2, Ċ6.3.3, Ċ6.3.4, Ċ6.3.5<br>• **Ġ6.2** (*Il-Ġeografija mill-Aħbarijiet*) Ġ6.2.1, Ġ6.2.2, Ġ6.2.3, Ġ6.2.4, Ġ6.2.5<br>• **Ġ6.3** (*Nimmaniġġjaw l-Iskart*) Ġ6.3.1, Ġ6.3.2, Ġ6.3.3, Ġ6.3.4, Ġ6.3.5<br>• **S6.2** (*Meta Missirijietna Ġew Attakkati* **1** *– L-Assedju l-Kbir*) S6.2.1, S6.2.2, S6.2.3, S6.2.4, S6.2.5,-<br>• **S6.3** (*Meta Missirijietna Ġew Attakkati* **2** *– It-Tieni Gwerra*) S6.3.1, S6.3.2, S6.3.3, S6.3.4, S6.3.5,-<br>• **S6.4** (*Belt Kapitali Ġdida għal Malta*) S6.4.1, S6.4.2, S6.4.3, S6.4.4, S6.4.5 |
| ***fieldwork obbligatorju*** | *ŻJARA FIL-BELT VALLETTA – b'referenza għal S6.4 (Belt Kapitali Ġdida għal Malta).*<br>*Il-fieldwork jifforma parti mill-assessjar kontinwu.* | |

| CORE | | | | |
| --- | --- | --- | --- | --- |
| ***Core topics*** | Tliet blokki li jsiru kollha. | **Ċ6.1** (*Ngħixu Flimkien*) Ċ6.1.1, Ċ6.1.2, Ċ6.1.3, Ċ6.1.4, Ċ6.1.5 | **Ġ6.1** (*Madwar il-Baħar Mediterran*) Ġ6.1.1, Ġ6.1.2, Ġ6.1.3, Ġ6.14, Ġ6.1.5 | **S6.1** (*Qabel il-Kitba*) S6.1.1, S6.1.2, S6.1.3, S6.1.4, S6.1.5 |
| ***proġett jew fieldwork*** | Ikun hemm għażla, **bejn:**<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi (**jew**)<br>*(b)* fieldwork dwar *ŻJARA F'SIT PREISTORIKU.*<br>*Il-proġett jew it-tieni fieldwork jifforma parti mill-assessjar kontinwu.* | | | |
| **RIŻORSI** – Ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY. | | | | |

| Is-Sitt Sena Primarja | Iċ-Ċivika | |
|---|---|---|
| **Blokk Ċ6.1 – Ngħixu flimkien**<br>**Miri**: *Nagħrfu l-wirt u s-simboli nazzjonali Maltin. Nesploraw is-soċjetà Maltija b'referenza partikolari għall-aspett multi-kulturali u globali tagħhom. Nifhmu kif l-Internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni, jekk nużawhom sew, jistgħu jgħaqqduna iktar flimkien.* | | |
| **kodiċi** | **il-ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ċ6.1.1 | Nidentifikaw xi karatteristiċi ewlenin li jsawru l-wirt kulturali Malti. | Għall-iskop ta' ħila Ċ6.1.1 il-kultura se tinkludi:<br>▪ Il-Lingwa Maltija – Semitika, imma b'ħafna kliem ġej mil-lingwi Ewropej<br>▪ Il-Bandiera Maltija, l-Arma ta' Malta u l-Innu Malti<br>▪ It-tradizzjonijiet marbuta mal-festi li ġejjin - Il-Milied, Il-Karnival, Il-Ġimgħa l-Kbira, L-Għid il-Kbir, L-Imnarja, L-Istrina (l-Ewwel tas-Sena), Il-Festa tar-Raħal<br>▪ Il-Ħames Festi Nazzjonali – Jum l-Indipendenza, Jum ir-Repubblika, Jum il-Ħelsien, Is-Sette Giugno, Jum il-Vitorja.<br>M'hemmx għalfejn nidħlu f'dettalji żejda, l-iskop huwa li naraw xi aspetti fil-ħajja tagħna li jagħmluna Maltin permezz ta' ħarsa ħafifa lejn xi karatteristiċi ewlenin li għadna naraw madwarna u/jew nisimgħu dwarhom sikwit. |
| Ċ6.1.2 | Diskussjoni tas-simboli li jirrappreżentaw l-Identità Maltija. | Permezz ta' riċerka bl-Internet naslu biex nifhmu d-differenza bejn:<br>(a) **simboli lokali** – xi eżempji: Il-Katidral huwa simbolu tal-Imdina; il-ġonna ta' San Anton huma simbolu ta' Ħ'Attard; ir-Rotunda tfakkarna fil-Mosta.<br>(b) **simboli nazzjonali** – xi eżempji: It-tempji megalitiċi, meta jarawhom kemm it-turisti kif ukoll il-Maltin, ifakkruna f'Malta; allura ngħidu li huma simboli nazzjonali tagħna l-Maltin.<br>(c) **simboli ta' pajjiżi oħra** – xi eżempji: Il-piramidi jfakkruna fl-Eġittu; l-Akropoli tfakkarna f'Ateni u l-Kolossew f'Ruma.<br>N.B. Ninnutaw li 'a' u 'b' jistgħu jitħalltu - xi eżempji: L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni jfakkarna kemm f'Malta kif ukoll f'Raħal Ġdid. It-tempji tal-Ġgantija huma simbolu kemm tax-Xagħra kif ukoll tal-Għejjer Maltin.<br>Attività: Nibnu preżentazzjonijiet ħfief (*powerpoint)* b'xi waħda minn dawn il-kategoriji ta' simboli. |
| Ċ6.1.3 | Nidentifikaw l-aspetti multi-kulturali li tħaddan is-soċjetà Maltija. | Nesploraw l-esperjenzi li għandhom l-istudenti ta' kulturi li mhumiex Maltin – xi eżempji: Kulturi li ltaqgħu magħhom meta siefru; riċerka minn fuq il-*media*; barranin li jgħixu Malta; refuġjati; ġenituri li jħaddnu kulturi differenti.<br>Attività: Nagħmlu riċerka dwar xi skola bħalma hija ta' San Pawl il-Baħar fejn insibu diversi kulturi jitħalltu |

| | | |
|---|---|---|
| | | flimkien mal-kultura Maltija fl-istess klassijiet. (Nikkonċentraw dwar in-nazzjonalità, ir-reliġjon u t-tradizzjonijiet marbuta mal-festi prinċipali.) |
| Ċ6.1.4 | Nidentifikaw u niddiskutu d-dimensjoni globali ta' Malta. | Nesploraw mal-istudenti kemm fl-esperjenza tagħhom, Malta hija magħrufa mal-pajjiżi barranin. Xi eżempji prattiċi huma:<br>▪ Insemmu l-emigranti Maltin li hemm l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Gran Brittanja<br>▪ Insemmu l-membri Maltin tal-Parlament Ewropew li jitkellmu fil-Parlament Ewropew<br>▪ Insemmu l-kummerċ li nagħmlu ma' pajjiżi barranin, il-fabbriki li jipproduċu prodotti għall-esportazzjoni<br>▪ Insemmu kif bosta prodotti li nixtru jiġu maħduma barra minn Malta – xi eżempji: karozzi, mowbajls, televixins, kukers, eċċ...<br>▪ Insemmu l-eluf kbar ta' turisti li jżuruna kull sena u jmorru lura jfaħħru l-wirt storiku li għandna. |
| Ċ6.1.5 | Nagħmlu differenza bejn komunikazzjoni bejnietna permezz tat-teknoloġija tal-informatika u komunikazzjoni li għandha bażi iktar personali. | Niskopru flimkien mal-istudenti kif it-teknoloġija bidlet il-mod kif nikkomunikaw bejnietna. Inqabblu l-mod kif nikkomunikaw bejnietna fil-klassi (billi nitkellmu bejnietna) mal-mod kif nikkomunikaw pereżempju billi nċemplu, nitkellmu bl-iSkype, nibagħtu SMSs u emails.<br>Niddiskutu għaliex, filwaqt li fid-dinja tal-lum il-komunikazzjoni permezz tat-teknoloġija hija importanti ħafna, nagħmlu żball jekk inneħħu minn ħajjitna l-komunikazzjoni personali.<br>Nissuġġerixxu kif nistgħu nsaħħu l-komunikazzjoni reali (bħal nagħmlu attivitajiet mal-ħbieb, nattendu għaqdiet) u niddependu dejjem inqas fuq il-komunikazzjoni virtwali (bl-Internet, emails, SMS).<br>Infakkru li tfal taħt it-13-il sena ma jistax ikollhom *account* fuq *Facebook.*<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Metodi Differenti ta' Komunikazzjoni*** |

**Blokk Ċ6.2 – Ngħinu lil Xulxin**

**Miri**: *Nifhmu kif is-soċjetà Maltija hija organizzata u kif din l-organizzazzjoni timplika sett ta' drittijiet, liġijiet u regolamenti. Nifhmu l-valuri u l-attitudnijiet li tħaddan is-soċjetà tagħna. Nagħrfu liema huma d-drittijiet umani bażiċi u kif dawn jikkontribwixxu biex intejbu l-kwalità ta' ħajja li ngħixu.*

| kodiċi | il-ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ċ6.2.1 | Nagħmlu differenza bejn liġi u regolament. | Nidentifikaw ftit liġijiet u regolamenti li jaffettwaw il-ħajja tal-istudenti – xi eżempji: (a) Attendenza obbligatorja l-iskola (b) Hawn Malta nsuqu fuq ix-xellug tat-triq (ċ) Fil-familja tagħna nieklu flimkien fis-6.00pm.<br>Nifhmu kif 'a' u 'b' huma liġijiet waqt li 'ċ' huwa regolament li jgħodd għall-familja tagħna biss.<br>L-istudenti għandhom isemmu iktar eżempji mill-esperjenzi tagħhom stess.<br>Diskussjoni bejn l-għalliem/a u l-istudenti:<br>• Għaliex il-liġijiet u r-regolamenti huma bżonnjużi għas-soċjetà tagħna? |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Kif tista' tinbidel liġi?<br>• Kif jista' jinbidel regolament? |
| Ċ6.2.2 | Nidentifikaw eżempji ta' regolamenti li nsibu fl-iskola u fil-lokalità tagħna u nispjegaw ir-raġuni għala qegħdin hemm | Nirreferu għal Ċ6.2.1 imma did-darba nikkonċentraw fuq regolamenti li jaffettwaw il-ħajja ta' kull student Malti (inħallu l-liġijiet fil-ġenb għal dan l-eżerċizzju). Flimkien nagħmlu lista ta' regolamenti li nsibu fl-iskola, fil-familja, fl-għaqdiet li nattendu, regolamenti tal-Kunsill Lokali u tal-parroċċa (il-Knisja).<br>Nagħżlu ftit regolamenti (minn 2 sa 4 biżżejjed) u nibnu profil b'dan il-mod:<br>(a) X'jgħid ir-regolament?<br>(b) Min hu responsabbli li jara li r-regolament ikun obdut?<br>(c) X'jiġri jekk ir-regolament jinkiser?<br>(d) Għaliex għandna nobdu r-regolamenti msemmija?<br>Ninnutaw li bosta regolamenti japplikaw għall-membri ta' xi għaqda partikolari biss, mhux għal kulħadd. |
| Ċ6.2.3 | X'jiġri jekk ma nosservawx il-liġijiet? | Nirreferu għal Ċ6.2.1, imma did-darba nikkonċentraw fuq liġijiet li huma fl-esperjenzi tal-istudenti (inħallu r-regolamenti barra għal dan l-eżerċizzju)<br>Flimkien nagħmlu lista ta' liġijiet li jafu bihom l-istudenti.<br>Nagħżlu ftit liġijiet (minn 2 sa 4 biżżejjed) u nibnu profil b'dan il-mod:<br>(a) X'tgħid il-liġi?<br>(b) Min hu responsabbli li jara li l-liġi tkun obduta?<br>(c) X'jiġri jekk il-liġi tinkiser?<br>(d) Għaliex għandna nobdu l-liġi msemmija? |
| Ċ6.2.4 | Nidentifikaw u niddiskutu żewġ drittijiet li għandu kull student Malti. | Insemmu u nagħmlu lista ta' drittijiet li għandhom l-istudenti Maltin – xi eżempji: dritt għal edukazzjoni xierqa, għat-tagħlim, għal kura xierqa meta nimirdu, għal arja tajba, għal ambjent ħieles mill-perikli, għal- logħob u l-mistrieħ eċċ..<br>Mil-lista nidentifikaw żewġ drittijiet u niddiskutuhom mal-istudenti, (bħala klassi jew fi gruppi). Nirrekordjaw dak li jintqal fuq ċart. Għajnuniet għad-diskussjoni:<br>• Taħsbu li t-tfal tad-dinja kollha għandhom dan id-dritt?<br>• Min għandu jara li l-istudenti Maltin kollha jgawdu dan id-dritt?<br>• Tafu b'każi fejn dan id-dritt ġie miċħud lil xi student Malti?<br>• X'nistgħu nagħmlu meta nsiru nafu li xi dritt ġie miċħud? |
| Ċ6.2.5 | Nidentifikaw u niddiskutu eżempju wieħed ta' dritt uman bażiku u kif dan jaffettwa l-ħajja tal-istudent | Nagħmlu riċerka ħafifa dwar ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-BNIEDEM (*Basic Human Rights*). Hemm ħafna drittijiet li għandhom kunċetti tqal wisq biex nidħlu fihom fis-Sitt Sena tal-Primarja. Iżda hemm oħrajn li huma iżjed adattati biex niddiskutuhom mal-istudenti – xi eżempji: id-dritt għall-edukazzjoni (26), id-dritt għall-mistrieħ u l-logħob (24), id-dritt għall-propjetà (17), id-dritt li tħaddan ir-reliġjon li tixtieq (18), eċċ.... |

| | | |
|---|---|---|
| | | Nagħżlu dritt wieħed, infittxu dwaru u naraw: (a) Kif jista' jinkiser dan id-dritt? (b) Kif jista' jissaħħaħ? (ċ) Xi tfisser solidarjetà? (d) Kif nistgħu nuru solidarjetà ma' persuni li qegħdin ikunu mċaħħda minn dan id-dritt?<br>Nanilzzaw numru ta' *case studies* u naraw:<br>(a) Kien hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem?<br>(b) Jekk iva, liema dritt inkiser?<br>(c) Min hu responsabbli tal-ksur?<br>(d) Min jista' jgħin?<br>Tajjeb li naraw dan kollu fil-kuntest ta' drittijiet u anke dmirijiet.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *Valuri Komuni f'Malta u fl-Unjoni Ewropea*** |

**Blokk Ċ6.3 – Immorru Nixtru**

**Miri**: *Nifhmu kif l-istil ta' ħajja moderna li jgħixu l-Maltin illum biddel il-mod kif il-Maltin jakkwistaw u jużaw il-prodotti li jsibu jixtru. Referenza għall-kummerċ li Malta tagħmel mal-pajjiżi barranin, nifhmu xi tfisser produzzjoni u kif l-użu tal-prodotti li nixtru jaffettwa l-ambjent.*

| kodiċi | il-ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ċ6.3.1 | Fuq perjodu qasir ta' żmien nesploraw il-prodotti l-iktar komuni li nixtru | Permezz ta' *brainstorming* bejn l-għalliem/a u l-istudenti nesploraw il-prodotti li nħobbu nixtru:<br>• Xi kwalità ta' prodotti nixtru? Ikel, ħwejjeġ, logħob, trasport (*fuel* u biljetti), divertiment, ..........<br>• Xi kwalità ta' ħwienet insibu qrib tagħna? U liema nsibu barra l-belt jew raħal tagħna?<br>• Fiex nonfqu l-iktar flus? Fl-ikel, fit-trasport, fl-affarijiet tad-dar?<br>• L-ikel li nixtru jkun frisk jew ippriservat? Liema l-aħjar? Għaliex?<br>• Kif nistgħu nkunu 'bil-għaqal' meta nixtru? |
| Ċ6.3.2 | Nagħmlu differenza bejn prodotti li jiġġeneraw ħafna skart u oħrajn li ma joħolqux skart. | Nieħdu dan l-eżempju: (a) Nixtru kilo karrotti friski mingħand tal-ħaxix? jew (b) Nixtru kilo karrotti ppakkjati f'kontejner tal-pastik? Għaliex għandna nixtru (a) u mhux (b)?<br>Nagħmlu lista ta' ftit prodotti li jiġġeneraw l-iskart, u oħra bi prodotti li ma jħallux skart warajhom.<br>Suġġerimenti kif innaqqsu l-iskart – xi eżempji: Nagħmlu l-lanċ f'kontejner li neħduh lura d-dar u naħsluh; nużaw batteriji li jerġgħu jiċċarġjaw ruħhom; nużaw ir-rota flok il-karozza; eċċ...... |
| Ċ6.3.3 | Niktbu storja ta' prodott li spiċċa bla użu u b'hekk inħoloq skart għalxejn. | Hawnhekk inħallu f'idejn l-immaġinazzjoni tat-tfal sabiex joħolqu stejjer kreattivi u wara jingħata ċans biex l-istudenti jisimgħu l-istejjer ta' xulxin. L-għalliema u l-istudenti jistgħu ukoll jikkomunikaw bl-emails biex ikollhom eżempji tajbin oħra ta' stejjer miktuba minn studenti li jattendu skejjel oħrajn. |
| Ċ6.3.4 | Nesploraw ir-raġunijiet li jistgħu jġegħluna nixtru xi prodott | Nesploraw flimkien kif IL-BŻONN iġegħilna nixtru:<br>(a) Il-ġuħ u l-għatx – iġegħluna nixtru l-prodotti tal-ikel.<br>(b) Il-bżonn li nistrieħu u nilagħbu – iġegħilna nonfqu l-flus fid-divertiment. |

| | | |
|---|---|---|
| | | (c) Biex nidhru sbieħ nonfqu l-flus fuq xagħarna u ħwejjiġna.<br>Attivitajiet:<br>▪ Naraw żewġ eżempji ta' riklami fuq YouTube.<br>▪ Naraw żewġ riklami fuq gazzetta/i lokali.<br>▪ Niddiskutu x'inhu l-effett tar-riklami fuqna – xi eżempji: Jista' jkun li għax riklam ikun tajjeb, nispiċċaw nixtru prodott ħażin? Jekk prodott ma narawhx fir-riklami ifisser li mhuwiex tajjeb?<br>▪ Nimmaġinaw li għandna prodott (ngħidu aħna l-għasel) u rridu nbigħuh; kif se niddisinjaw riklam/i 'catchy' biex inbigħu ħafna minnu?<br>Niddiskutu kif b'xiri bil-għaqal, nistgħu nibżgħu aktar għall-ambjent ta' madwarna. |
| Ċ6.3.5 | Neżaminaw daqsxejn dak li nimpurtaw u dak li nesportaw | Nifhmu xi jfissru **importazzjoni** u **esportazzjoni** billi neżaminaw xi eżempji mill-esperjenzi tat-tfal:<br>• Nimpurtaw ħafna karozzi, kemm ġodda kif ukoll użati.<br>• Biex karozza taħdem/timxi, trid il-fuel u dan ikollna nimpurtawh ukoll.<br>• Tal-ħwienet jimpurtaw ħafna ħwejjeġ li nilbsu filwaqt li fabbriki Maltin jesportaw ħwejjeġ barra minn Malta.<br>• Biex il-fabbriki Maltin jagħmlu l-qomos u l-qliezet jimpurtaw id-drapp minn barra.<br>• Filwaqt li l-bdiewa Maltin jesportaw il-patata f'pajjiżi Ewropej, fis-*supermarkets* tagħna nsibu wkoll patata li ġiet impurtata.<br>Bl-għajnuna ta' xi adult nistħarrġu liema huma l-ogħla prodotti - ngħidu aħna: Il-patata jew il-larinġ ta' barra ogħla jew orħos minn ta' Malta?<br>Nesploraw l-esperjenzi tagħna u ta' nies li nafu fejn jidħol ix-xiri minn fuq l-Internet. |
| | | |

| **Is-Sitt Sena Primarja** | | **Il-Ġeografija** |
|---|---|---|
| **Blokk Ġ6.1 – Madwar il-Baħar Mediterran**<br>**Miri**: *Nesploraw ir-reġjun tal-Mediterran b'referenza għall-pajjiżi li jmissu mal-Mediterran, il-bliet kapitali tagħhom u s-simboli nazzjonali. Naraw liema huma l-gżejjer prinċipali tal-Mediterran u l-fetħiet li minnhom tista' toħroġ mill-Baħar Mediterran jew tidħol fih. Naraw kif se nħarsu l-Baħar Mediterran mit-tniġġis.* | | |
| Ġ6.1.1 | Naraw il-Baħar Mediterran bħala parti minn dinja akbar | Nirreferu għall-fatt li Mediterran tfisser 'il-baħar f'nofs l-art'. Naraw fuq globu jew mappa kif il-Baħar Mediterran jinsab bejn 3 kontinenti.<br>Insemmu wkoll il-kontinenti l-oħra u l-ħames oċeani li flimkien jiffurmaw id-dinja tagħna (Earth).<br>(Ara MALTA ART TWELIDNA ta' Edward Gilson, paġni 32 – 35.) |

| | | |
|---|---|---|
| Ġ6.1.2 | Nesploraw il-pajjiżi li jmissu mal-Mediterran, b'referenza għall-bliet kapitali u s-simboli nazzjonali prinċipali tagħhom | 1. Inħeġġu lill-istudenti jitkellmu dwar xi safra li għamlu f'xi pajjiż li jmiss mal-Baħar Mediterran. Xi mistoqsijiet għal riċerka ħafifa:<br>• Liema pajjiż/i żortu?<br>• X'jisimha l-belt kapitali tal-pajjiż/i li żortu?<br>• Liema bliet jew postijiet oħra żortu?<br>• F'liema staġun sifirtu? Kif kienet il-klima? Inzertajtu temp sabiħ?<br>• Kellkom kuntatt man-nies tal-post? Kif sibtuhom? B'liema lingwa tkellimtu magħhom?<br>• Jixbhuna fid-dehra u fid-drawwiet tagħhom jew differenti kompletament minna l-Maltin u l-Għawdxin?<br>(*Jekk ikun hemm ħafna studenti li żaru postijiet fil-Mediterran, nistgħu nħajruhom jiktbu l-esperjenzi tagħhom, biex imbagħad jaqraw il-kitbiet ta' xulxin*.)<br>2. Nitgħallmu fejn jinsabu dawn il-**pajjiżi tal-Mediterran** u nkunu nafu liema huma l-**bliet kapitali** tagħhom: Il-Portugall, Spanja, Franza, L-Italja, Il-Greċja, It-Turkija, Is-Sirja, L-Iżrael, L-Eġittu, Il-Libja, It-Tuneżija, L-Alġerija, Il-Marokk, Malta u Ċipru. (Ara Edward Gilson p. 40-41.)<br>3. L-istudenti jagħżlu pajjiż mil-lista tal-pajjiżi li tidher hawn fuq u jagħmlu riċerka ħafifa fuq **simbolu** wieħed importanti marbut mal-pajjiż li jkunu għażlu – xi eżempji: It-Torri ta' Pisa, Il-Kolossew, Il-Piramidi, It-Torri Eiffel, L-Akropoli, il-Vatikan, eċċ... (Ara Edward Gilson p.42.) Tajjeb li kull student jikteb ir-riċerka fi kliemu u fil-qosor.<br>4. Għal iktar taħriġ ara Edward Gilson p. 43-45.<br><br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Insibu l-Pajjiżi li Jmissu mal-Mediterran*** |
| Ġ6.1.3 | Nagħrfu liema huma l-gżejjer prinċipali li nsibu fil-Mediterran. | Nitgħallmu fejn jinsabu dawn il-gżejjer u ma' liema pajjiżi jagħmlu: Malta, Ċipru, Il-Gżejjer Baleariċi, Korsika, Sardenja, Sqallija u Kreta. (Ara Edward Gilson p.46-49.)<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Gżejjer tal-Mediterran*** |
| Ġ6.1.4 | Nagħrfu liema huma l-fetħiet li jgħaqqdu l-Mediterran ma' ibħra/oċeani oħra. | Nitgħallmu fejn jinsabu dawn il-fetħiet u ma' liema ibħra/oċeani jinfdu: L-Istrett/Fliegu ta' Ġibiltà, Id-Dardanelli, Il-Kanal ta' Swejz. (Ara Edward Gilson p. 36-39.)<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Baħar Mediterran u t-Tliet Fetħiet Tiegħu*** |
| Ġ6.1.5 | Nifhmu għalfejn għandna nieħdu miżuri favur il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-Baħar Mediterran. | 1. **Nirriflettu fuq dan il-każ**: F'Mejju tal-1960, Sandro, tifel Taljan, tefa' karta fi flixkun tal-ħġieġ, għalaq il-flixkun b'tapp tas-sufra u tefgħu fil-baħar qrib id-dar tiegħu f'Napli. Fuq il-karta kiteb messaġġ bi 3 lingwi: bit-Taljan, bl-Ingliż u bil-Franċiż. F'Ġunju 1962, 25 xahar wara, il-flixkun inġabar minn raġel fil-Libanu. Ir-raġel kiteb lura lil Sandro fl-indirizz li kien hemm fuq il-karta fil-flixkun.<br>2. Din l-istorja turina li, jekk ngħidu aħna, it-Taljani jieħdu ħsieb ix-xtut tagħhom, ikunu qegħdin jieħdu |

| | | |
|---|---|---|
| | | ħsieb ix-xtut ta' Franza, ta' Spanja u l-Mediterran kollu. Jekk vapur iħammeġ il-baħar madwar Malta, ikun qiegħed iħammeġ il-Mediterran kollu.<br>3. **Tbaħħir kummerċjali**: Għalkemm il-Baħar Mediterran huwa baħar pjuttost żgħir, huwa kkalkulat li terz (1/3) tat-tbaħħir kummerċjali (tankers, vapuri tal-merkanzija, eċċ...) jgħaddi mill-baħar Mediterran. Dan ġej mill-fatt li l-Baħar Mediterran imiss ma' tliet kontinenti u barra minn hekk it-trasport bil-baħar huwa ferm orħos mit-trasport bl-ajru jew bil-ferrovija.<br>4. **Problemi** li qed jiffaċċja l-Baħar Mediterran illum:<br>• *Overfishing* – Ħafna speċi ta' ħut jinsabu fil-periklu għax għal ħafna snin sar sajd bl-addoċċ.<br>• Id-drenaġġ – Bosta pajjiżi jitfgħu d-drenaġġ fil-baħar mingħajr ma jittrattawh.<br>• Il-bidla fil-klima – Il-livell tal-ilma tiela' madwar id-dinja kollha; pajjiżi bħal Malta jistgħu jitilfu xi xtajtiet għax jegħrqu taħt il-baħar.<br>• It-tniġġis – Meta kien għadu jsir is-sajd bit-*trawlers* li jkaxkru xbieki kbar ma' qiegħ il-baħar, kwantitajiet kbar ta' boroż tal-plastik kienu jitilgħu max-xbieki. Dan juri kemm jintrema skart bl-addoċċ fil-baħar.<br>5. L-ilma jdum biex jinbidel - Billi l-Mediterran huwa baħar pjuttost magħluq, l-ilma jdum ħafna biex jinbidel; huwa kkalkulat li jieħu mad-90 sena. Ara kemm rridu noqogħdu attenti x'nitfgħu fil-baħar!<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *It-Tniġġis tal-Baħar minn Vapuri u Drenaġġ*** |

**Blokk Ġ6.2 – Il-Ġeografija mill-Aħbarijiet**

**Mira ta' Tagħlim**: *Nesploraw ir-relazzjoni bejn il-bniedem u d-dinja tagħna billi nassoċjaw l-aħbarijiet li jixxandru mal-għarfien tagħna tal-pajjiżi, in-nies u l-ambjenti diversi li hawn fid-dinja*

| kodiċi | il-ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ġ6.2.1 | Nagħmlu lista tal-pajjiżi li jkunu ssemmew fl-aħbarijiet f'perjodu ta' 15-il ġurnata. | Dan l-eżerċizzju għandu jinbeda minn qabel il-lezzjoni nnifisha. Inħeġġu l-istudenti joqogħdu attenti għall-aħbarijiet u jieħdu nota tal-pajjiżi barranin li jissemmew u x'ikun ġara fihom - xi eżempji: It-Turkija – splużjoni f'minjiera; L-Iżrael – inkwiet mal-Palestinjani; Is-Sirja – gwerra ċivili; Il-Brażil – tazza tad-dinja; eċċ... Fil-lezzjoni proprja permezz ta' mappa jew globu nsibu l-pajjiżi imsemmija flimkien mal-belt kapitali tagħhom u nqajmu diskussjoni dwar il-pajjiżi nfushom u l-avvenimenti li jkunu ġraw fihom. (*Tajjeb li waqt id-diskussjoni nżommu f'moħħna l-ħiliet l-oħra li jridu jintlaħqu f'dan il-Blokk.*)<br>**N.B.**<br>• **Fejn tidħol riċerka** dwar tagħrif ġenerali (*general knowledge*) inħallu lill-istudenti jfittxu u jitkellmu dwar dak kollu li jinteressahom.<br>• Għall-eżamijiet kull informazzjoni mitluba għandha tkun fil-limitu ta' **Blokk Ġ6.1 – Madwar il-Baħar** |

| | | |
|---|---|---|
| | | **Mediterran**. Dan ifisser li f'eżami m'għandha qatt tingħata mistoqsija bħal din: "F'liema kontinent jinsab il-Perù?"<br>Il-*worksheets* marbuta mal-ħiliet kollha ta' **Blokk Ġ6.2** għandhom iservu ta' gwida tajba għal kemm għandna nidħlu fid-dettall. |
| Ġ6.2.2 | Naraw dawn il-pajjiżi humiex: (a) madwar il-Mediterran (b) 'il bogħod mill-Mediterran | Nikklassifikaw il-pajjiżi fil-lista ta' Ġ6.2.1 skont humiex fil-Mediterran jew le. Naraw jekk il-maġġoranza tal-pajjiżi li ssemmew fl-aħbarijiet humiex dawk li jinsabu madwar il-Mediterran jew iktar 'il bogħod. Nippruvaw naraw għaliex xi pajjiżi f'ċerti nħawi tad-dinja jissemmew ħafna fl-aħbarijiet. |
| Ġ6.2.3 | Naraw liema huma l-pajjiżi li aħna l-Maltin nafu l-iktar bihom u nifhmu għaliex. | Aħna l-Maltin familjari ma' ċerti pajjiżi iktar minn oħrajn minħabba:<br>(a) **L-emigrazzjoni** – Fejn marru l-iktar il-Maltin fil-passat biex ifittxu x-xogħol?<br>(b) **Ir-refuġjati** – Minn fejn jiġu l-iktar?<br>(c) **Is-safar** – Fejn iħobbu jsiefru l-iktar il-Maltin?<br>(d) **Il-missjunarji Maltin** – Fejn marru/imorru l-iktar?<br>Niddiskutu kif il-lingwi li nitgħallmu jgħinuna nikkomunikaw mal-pajjiżi barranin.<br>**N.B.** *Id-dettalji li joħorġu mir-riċerka dwar is-suġġett m'għandhom qatt jiġu assessjati fl-eżamijiet. Jekk ikun hemm mistoqsijiet fejn jintalbu xi dettalji, ir-risposti għandhom dejjem jinstabu f'xi informazzjoni mogħtija fil-karta stess.* |
| Ġ6.2.4 | Nagħmlu riċerka ħafifa dwar uħud mill-pajjiżi msemmija. | Niddiskutu għaliex huwa dejjem interessanti li nsiru nafu dwar pajjiżi barranin. Nistgħu nqabblu pajjiżi barranin ma' Malta u naraw x'hemm komuni jew differenti.<br>Inħeġġu lill-istudenti jagħmlu riċerka dwar pajjiżi li jinteressawhom ħalli jitgħallmu iktar dwarhom. Jistgħu jaħdmu fi gruppi dwar pajjiż partikolari u jfittxu dwar:<br>• il-belt kapitali<br>• il-popolazzjoni<br>• l-ilbies tipiku/drawwiet partikolari<br>• il-fatturi ġeografiċi ewlenin/il-klima<br>• is-simboli nazzjonali. |
| Ġ6.2.5 | Infittxu informazzjoni dwar il-pajjiżi li ospitaw / se jospitaw avvenimenti sportivi internazzjonali. | Avvenimenti importanti li jqajmu interess f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja huma t-Tazza tad-Dinja tal-Futbol u l-Olimpjadi. Naraw fejn sar l-aħħar avveniment jew fejn se jsiru l-avveniment li jkun imiss u nfittxu ftit informazzjoni dwar il-pajjiż li ospita jew ikun se jospita l-avveniment. Nikkonċentraw ir-riċerka tagħna fuq informazzjoni interessanti dwar l-avveniment innifsu – xi eżempji:<br>• F'liema belt/bliet sar/se jsir il-logħob?<br>• X'ħin sar/se jsir il-logħob? Hemm differenza bejn il-ħin ta' Malta u l-ħin t'hemmhekk? Għaliex? |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Kemm –il pajjiż jieħu sehem? Minn liema kontinenti ġejjin?<br>(Tazza tad-Dinja: 2014 – Brażil; 2018 – Ir-Russja; 2022 – Il-Qatar)<br>(Olimpjadi: 2012 – Londra; 2016 – Rio; 2020 – Tokyo) |
| | | |
| **Blokk Ġ6.3 – Nimmaniġġjaw l-Iskart**<br>**Mira ta' Tagħlim**: *Nidentifikaw il-problemi prinċipali marbuta mal-immaniġġjar tal-iskart u nissuġġerixxu soluzjonijiet sostenibbli.* | | |
| Ġ6.3.1 | Naraw kemm u x'tipi differenti ta' skart qegħdin niġġeneraw fil-Gżejjer Maltin. | Norganizzaw ruħna biex flimkien mal-istudenti nagħmlu riċerka dwar l-iskart li nipproduċu fid-djar tagħna. Inżommu lista/i tal-affarijiet kollha (riċiklabbli u mhumiex) li l-membri tal-familja jarmu matul ġurnata waħda. Nitolbu l-kollaborazzjoni tal-membri tal-familja kollha sabiex jiktbu fil-lista kull oġġett li jkunu se jarmu. Xi eżempji:<br>• 2 pakketti tal-ħalib<br>• qxur ta' 6 patatiet, 3 larinġiet u 2 tuffieħat<br>• 2 laned tat-tonn taż-żejt<br>• gazzetta użata<br>• żarbun imqatta'<br>• kaxxa tal-kartun<br>• 2 fliexken tal-ħġieġ<br>Fil-klassi niddiskutu flimkien lista partikolari u nifirdu l-iskart riċiklabbli minn dak li mhuwiex. Ninnutaw id-differenza fl-ammonti. (*Tajjeb li waqt id-diskussjoni nżommu f'moħħna l-ħiliet l-oħra li jridu jintlaħqu f'dan il-Blokk*.)<br><br>Insemmu t-tipi prinċipali ta' skart li niġġeneraw fil-gżejjer tagħna:<br>1. **Skart domestiku** - Huwa kkalkulat li familja waħda tarmi madwar 1,360 kilo ta' skart f'sena waħda. Ara kemm skart jipproduċu l-familji kollha flimkien.<br>2. **Skart mil-lukandi u r-ristoranti** - It-turisti li jżuruna kull sena, jarmu ħafna skart ukoll.<br>3. **Skart mill-fabbriki -** Biex jipproduċu l-prodotti tagħhom il-fabbriki jiġġeneraw ħafna skart.<br>4. **Skart tal-kostruzzjoni** – Meta tinbena dar ġdida jew titwaqqa' dar qadima biex tinbena oħra ġdida jintrema ħafna terrapien u ġebel żejjed. Dan fil-fatt huwa l-ikbar ammont ta' skart li jintrema f'pajjiżna.<br>Nenfasizzaw il-fatt li l-iskart **kollu** li jintrema f'sena waħda huwa biżżejjed biex nordmu grawnd tal-futbol (daqs ta' Ta' Qali) taħt 80 sular ta' skart.<br>**Attività**: Noħolqu poster bl-iskop li l-Maltin u l-Għawdxin isiru aktar konxji mill-problemi kbar li qiegħed joħloq l-iskart. |

| | | |
|---|---|---|
| Ġ6.3.2 | Nifhmu xi problema kbira li għandna biex insibu fejn narmu l-iskart | Niddiskutu fejn nistgħu narmu l-iskart kollu li ssemma f'Ġ6.3.1.<br>Sa ftit snin ilu konna narmu kollox f'miżbliet kbar. L-ikbar miżbla li ħloqna u li għadha tidher sal-lum hija dik tal-Magħtab. (Ara Edward Gilson p. 156, 166-167.) |
| Ġ6.3.3 | Nagħmlu differenza bejn skart li ma nistgħux nevitaw (bħal dak iġġenerat mill-fdalijiet tal-ikel) u skart li ma jmissna qatt niġġeneraw (bħal meta nużaw batteriji li mhumiex *rechargeable*). | Huwa fatt li nagħmlu x'nagħmlu, ma jistax ikun li ma nipproduċu ebda tip ta' skart. Ngħidu aħna jekk sempliċiment tiekol ħuta se jibqgħalek ix-xewk li trid tarmih x'imkien. Ħafna skart jinten mill-ewwel u allura huwa importanti li neħilsu minnu malajr.<br>Nikklassifikaw xi skart li ssemma f'Ġ6.3.1 f'dawn iż-żewġ kategoriji:<br>**(a) Skart li ma nistgħux ma nipproduċux** – bħal fdalijiet tal-ikel, żraben imqattgħa, eċċ...<br>**(b) Skart li ma jmissna qatt nipproduċu** – bħal meta nużaw batteriji li ma jkunux *rechargeable,* tazzi jew platti *disposable*, eċċ...<br>Nissuġġerixxu modi kif nistgħu nnaqqsu l-iskart u b'hekk innaqqsu l-problemi. Xi eżempji:<br>• Meta mmorru nixtru nieħdu magħna basktijiet li jistgħu jintużaw ħafna drabi.<br>• Insewwu l-oġġetti miksura minflok narmuhom.<br>• Nisseparaw il-ħġieġ, il-metall, il-karti u l-plastik biex narmuhom fil-*bring-in-sites*.<br>• Nieħdu l-lanċ f'kontenitur tal-plastik li jista' jinħasel u jerġa' jintuża.<br>• Nużaw il-karti miż-żewġ naħat qabel narmuhom.<br>• Nisilfu jew nagħtu lil ħaddieħor affarijiet li m'għadx għandna bżonn minflok narmuhom.<br>(Ara Edward Gilson p.157.)<br>**Attività**: Kull ġimgħa nagħżlu żewġ *wardens* tal-ambjent li jkunu nkarigati jagħmlu poster fil-klassi b'miżura li turi kif se nnaqqsu l-iskart. Matul dik il-ġimgħa huma jkunu responsabbli wkoll li jaraw li dik il-miżura tkun qed tiġi implimentata mill-istudenti kollha. |
| Ġ6.3.4 | Nagħrfu l-vantaġġi tas-separazzjoni tal-iskart l-użu tal-*bring-in-sites* u l-importanza tar-riċiklaġġ. | Nifhmu l-ħtieġa li **nnaqqsu l-iskart** billi:<br>**(a) Nirrifjutaw li nixtru affarijiet li m'għandniex bżonn.**<br>(b) **Nerġgħu nużaw l-iskart** - Insibu użu alternattiv għal affarijiet li m'għadx għandna bżonn minflok narmuhom; ngħidu aħna flixkun tal-plastik jibda jintuża bħala qasrija.<br>Naraw x'se nagħmlu bl-iskart li ma nistgħux nevitaw.<br>• **Is-separazzjoni tal-iskart** – Minflok nitfgħu l-iskart kollu f'borża waħda, nagħżlu minnu l-plastik, il-karti, il-metall u l-ħġieġ.<br>• **Nużaw sew il-*bring-in sites*** – Noqogħdu attenti x'nistgħu jew ma nistgħux nitfgħu fil-kontenituri tal-plastik, tal-karti, tal-metall u tal-ħġieġ. Naraw li l-affarijiet li narmu fil-*bring-in-sites* ikunu nodfa.<br>• **Ir-riċiklaġġ** – L-oġġetti li jkunu ntremew fil-*bring-in-sites* jerġgħu jinħadmu fi prodotti ġodda għall-użu |

| | | |
|---|---|---|
| | | tagħna. Bir-riċiklaġġ inkunu qegħdin nibżgħu għar-riżorsi tad-dinja; ngħidu aħna meta nirriċklaw il-karti nkunu qegħdin insalvaw is-siġar.<br>Għal aktar suġġerimenti ara Edward Gilson p. 158 – 165.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Eżempju ta' Riċiklaġġ – il-Karta*** |
| Ġ6.3.5 | Naraw x'se nagħmlu bl-iskart li ma jistax jiġi riċiklat. Nifhmu l-ħtieġa *ta' civic amenity sites* u *engineered landfills*. | Nistħarrġu dawn il-mistoqsijiet:<br>• X'nistgħu nagħmlu bl-iskart organiku? Fdalijiet tal-ikel nejjin (bħall-qxur tal-ħaxix) jistgħu jinbidlu f'kompost. (Ara Edward Gilson p.160-161.)<br>• Fejn se narmu l-iskart mill-industrija tal-bini? Dan qiegħed jintrema f'barrieri vojta li wara jinbidlu f'għelieqi.<br>• X'nistgħu narmu fiċ-ċentri għall-iskart goff? L-iskart goff kollu li jiġbru l-kunsilli lokali jmur f'xi wieħed minn dawn iċ-ċentri. Madanakollu nistgħu immorru aħna stess bil-karozza tagħna sabiex narmu: skart tal-ġnien; skart perikoluż (bħal żebgħa jew batteriji tal-karozzi); biċċiet tal-injam; apparat elettriku/elettroniku (bħal televixins, kompjuters jew friġis); skart goff (bħal għamara, saqqijiet jew sufani); basktijiet, żraben jew ħwejjeġ imqattgħa; eċċ...<br>• X'inhi *engineered lanfill*? Din hi tip ta' miżbla magħmula apposta biex ma ssir ebda ħsara lill-ambjent u fiha jinġabar l-iskart l-ieħor kollu li m'għandniex fejn narmuh (tal-borża s-sewda).<br>Għal aktar suġġerimenti ara Ambjent Soċjali ta' Tony Pace (editur: Philip E. Said) paġni 134-135, 138-140. |
| | | |

| **Is-Sitt Sena Primarja – L-Istorja** | | |
|---|---|---|
| **Blokk S6.1 – Qabel il-Kitba**<br>**Miri ta' Tagħlim:** *Nesploraw kif setgħet kienet il-ħajja fil-Gżejjer Maltin fiż-żminijiet preistoriċi b'referenza għall-wirt preistoriku li għandna.* | | |
| **kodiċi** | **il-ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| S6.1.1 | Nagħmlu differenza bejn Q.K. u W.K. biex nifhmu meta ġew l-ewwel nies f'Malta. Naraw ukoll għaliex bdew jgħixu hawn. | 1. Nagħmlu differenza bejn dak li ġara **Q**abel **K**ristu u dak li ġara **W**ara **K**ristu – xi eżempji:<br>• Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea fis-sena 2004 W.K.<br>• It-Tieni Gwerra Dinjija bdiet fl-1939 W.K.<br>• L-assedju l-Kbir seħħ fis-sena 1565 W.K.<br>• San Pawl ġie Malta fis-sena 60 W.K.<br>• Il-Logħob Olimpiku li kien isir fil-Greċja tal-qedem beda jiġi organizzat xi 600 sena Q.K.<br>• Il-Feniċi ġew Malta madwar 800 sena Q.K. |

<table>
<tr><td></td><td></td><td>
<ul>
<li>L-istorja tal-poplu Lhudi bdiet permezz ta’ Abraham madwar 1850 sena Q.K.</li>
<li>Il-piramidi tal-Eġittu bnew jinbnew madwar 2500 sena Q.K.</li>
<li>L-ewwel nies f’Malta ġew madwar 5000 sena Q.K.</li>
<li>Nifhmu d-differenza bejn l-Istorja (iż-żmien meta l-bniedem beda jikteb) u l-Preistorja (iż-żmien ta’ qabel il-kitba). Xi eżempji:</li>
<li>Mill-fdalijiet li sibna ma jidhirx li l-ewwel nies f’Malta kienu jafu jiktbu, allura huma għexu fi żmien il-Preistorja.</li>
<li>Il-Feniċi kienu jużaw il-kitba, allura fiż-żmien li huma kienu f’Malta, bdiet l-Istorja ta’ pajjiżna.</li>
<li>L-ewwel nies ġew minn Sqallija fuq xi ċattra. Huma tħajru jibdew jgħixu f’Malta għax sabu klima tajba, għerien fejn joqogħdu, nixxigħat biex jixorbu u setgħu jieklu minn dak li jipprovdu l-baħar u l-kaċċa.</li>
</ul>
(Ara AMBJENT STORIKU, Kap 1 ta’ Leonard Grech, paġni 6-10.)
</td></tr>
<tr><td>S6.1.2</td><td>Naraw fejn marru joqogħdu l-ewwel nies f’Malta u x’xogħol kienu jagħmlu. Nifhmu l-importanza ta’ Għar Dalam u Skorba b’referenza għall-arkeoloġija. Inqabblu dawk iż-żminijiet mal-lum.</td><td>
<ol>
<li>L-arkeoloġija: Nifhmu li qed nitkellmu fuq żmien li m’għandna xejn bil-miktub dwaru; għalhekk li nafu, nafuh biss mill-fdalijiet li nstabu mill-arkeoloġi. Xogħol l-arkeoloġi hu li jistudjaw il-fossili u l-fdalijiet antiki sabiex nitgħallmu dwar dawk iż-żminijiet imbiegħda.</li>
<li>Ġewwa Għar Dalam l-arkeoloġi sabu fdalijiet li juru li n-nies tal-preistoja għexu hemm għal żmien twil. Sabu wkoll il-fossili ta’ ippopotami, iljunfanti, ċriev u orsijiet li llum m’għadhomx jgħixu fil-salvaġġ hawn Malta. Dawn huma l-akbar xhieda li Malta mhux dejjem kienet gżira. B’hekk nafu fiż-żgur li Malta kienet magħquda mal-Ewropa u forsi wkoll mal-Afrika. (Ara l-video - GĦAR DALAM: http://youtu.be/kssHZ40ebvA)</li>
<li>Dwar is-sit ta’ Għar Dalam, tajjeb li l-istudenti jkunu jafu li:
<ul>
<li>Jinsab qrib ir-raħal ta’ Birżebbuġa.</li>
<li>Huwa mmexxi minn Heritage Malta.</li>
<li>Huwa maqsum fi tnejn - il-Mużew ta’ Għar Dalam u l-għar innifsu.</li>
</ul></li>
<li>Fi Skorba qrib l-Imġarr, l-arkeoloġi sabu fdalijiet ta’ djar li bnew in-nies tal-preistorja meta ma baqgħux joqogħdu biss fl-għerien. Hemmhekk instab ħafna fuħħar (griż u aħmar) li jagħti xhieda li Skorba dam jintuża għal ħafna snin.</li>
<li>Iż-żmien Neolitiku (iż-Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar): L-ewwel nies li ġew Malta kienu diġà jafu jaħdmu r-raba’ u jrabbu l-annimali. Għalhekk ix-xogħol tagħhom kien ta’ bdiewa, raħħala, rgħajja, kaċċaturi jew sajjieda.</li>
<li>Inqabblu l-ħajja ta’ dawk iż-żminijiet preistoriċi mal-ħajja tal-lum sabiex naraw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi.</li>
</ol>
(Ara Leonard Grech p.10-18.)
</td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| | | • **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***L-Ewwel Nies li Ġew Jgħixu f'Malta***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Fdalijiet li Nstabu f'Għar Dalam***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***L-Importanza ta' Għar Dalam***<br>• **Attività**: Fil-Mużew tal-arkeoloġija fi Triq ir-Repubblika, insibu ħafna fdalijiet preistoriċi. Dawn il-fdalijiet inġabru hawn biex ma ssirilhomx ħsara u biex inkunu nistgħu nitgħallmu dwarhom f'post adattat bħalma huwa l-Mużew tal-Arkeoloġija.<br>• Naraw video clip: **IL-MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA**: http://youtu.be/pm_FGsRZyaA |
| S6.1.3 | Nidentifikaw it-tempji preistoriċi prinċipali fil-Gżejjer Maltin u nistħarrġu xi twemmin seta' kellhom il-Maltin ta' dak iż-żmien. Naraw kif nistgħu nibżgħu għat-tempji u għaliex għandna nibżgħu għalihom. | 1. **Żmien ir-Ram**: Iż-żmien li fih inbnew **it-tempji megalitiċi tal-Ġgantija, Ħaġar Qim, L-Imnajdra u Ħal Tarxien**. Ir-ram huwa materjal artab li mhux tajjeb biex jintuża għall-għodda. In-nies li bnew it-tempji ma użawx għodda tal-metall imma użaw biss il-ġebel. Għalhekk iż-żmien li fih inbnew it-tempji nirreferu għalih bħala **Żmien l-Imqades**.<br>2. Bl-użu ta' mappa tal-Gżejjer Maltin nitgħallmu fejn jinsabu t-tempji prinċipali msemmija hawn fuq u nidentifikaw tempju minn ieħor permezz ta' ritratti.<br>3. Dwar it-tempji megalitiċi, tajjeb li l-istudenti jkunu jafu li:<br>• Ġeneralment f'sit wieħed hemm iktar minn tempju wieħed.<br>• F'kull tempju nstabu boċċi kbar tal-ġebel li x'aktarx kienu jintużaw biex jirrumblaw il-ġebel kbir fuqhom.<br>• F'Ħaġar Qim instab l-ikbar numru ta' statwi tal-Mara l-Ħoxna. Instab ukoll artal b'xitla mnaqqxa fuqu (xhieda li kienu jaħdmu r-raba'). Illum dawn il-fdalijiet kollha qegħdin fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta.<br>• F'Ħal Tarxien instabet l-ikbar statwa tal-Mara l-Ħoxna flimkien ma' ħaġriet megalitiċi b'annimali differenti minquxa fuqhom (xhieda li kienu jrabbu l-annimali). Dawn il-fdalijiet preistoriċi jinsabu fil-Mużew tal-Arkeoloġija wkoll però fit-tempji ta' Ħal Tarxien hemm replika tagħhom.<br>• Jista' jkun li t-tempji kienu msaqqfin; dan nafuh għax instab mudell ċkejken ta' tempju msaqqaf li qiegħed il-Mużew tal-Arkeoloġija u mis-sistema tal-kileb (ġebel imtarraġ) li hemm fit-tempji nfushom.<br>4. X'nafu dwar it-twemmin ta' dawn in-nies preistoriċi?<br>• Kienu jaduraw allat foloz, l-iktar lill-Mara l-Ħoxna jew l-alla tal-Fertilità.<br>• Kienu joffru sagrifiċċji biex jagħtu qima lill-allat.<br>• Ma naħsbux li kienu joffru bnedmin bħala sagrifiċċju.<br>5. Kif u għaliex għandna nibżgħu għat-tempji megalitiċi? |

| | | |
|---|---|---|
| | | • It-tempji huma simbolu nazzjonali tagħna l-Maltin għax jagħmlu parti mill-identità tagħna. Huma wkoll *World Heritage Sites* minħabba l-importanza li għandhom għall-umanità kollha. Huwa dmir tagħna li nieħdu ħsiebhom sabiex ikomplu jitgawdew mill-Maltin u mit-turisti.<br>• It-tempji jeħtieġ li jkunu mħarsa mix-xemx, mir-riħ u mix-xita għax dawn l-elementi jagħmlu ħsara kbira lill-ġebel. Kien għalhekk li ħafna mill-fdalijiet preistoriċi li nstabu fit-tempji ttieħdu fil-mużew tal-Arkeologija. U għall-istess raġuni saru t-tined fuq it-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.<br>6. Għal aktar tagħrif ara l-*videos*:<br>• **ĦAĠAR QIM U L-IMNAJDRA**: http://youtu.be/-DyebDu-RRg<br>• **IT-TEMPJI TA' ĦAL TARXIEN**: http://youtu.be/dXqYNr1eZ60<br>• **IL-MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA**: http://youtu.be/pm_FGsRZyaA<br>(Ara wkoll Leonard Grech p.18-21 u Id-Denfil p. 32-36.)<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Aqta' Liema hu t-Tempju***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***It-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra*** |
| S6.1.4 | Napprezzaw il-ġmiel tal-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. | 1. Nagħrfu d-differenza bejn tempju u **ipoġew**: tempju huwa mibni fuq l-art, ipoġew huwa mħaffer taħt l-art.<br>2. Dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, tajjeb li l-istudenti jkunu jafu li:<br>• Jinsab Raħal Ġdid.<br>• Tħaffer fi Żmien l-Imqades mingħajr l-użu ta' għodda tal-metall.<br>• Parti mill-Ipoġew kien post ta' dfin għax instab bosta għadam tan-nies.<br>• L-isbaħ kamra hija s-***Sancta Sanctorum***; tidher qisha mibnija, imma fil-fatt hija mħaffra kollha fil-ġebel.<br>• **Il-kamra tal-Oraklu** kienet tintuża għall-pariri; mas-saqaf ~~ta' din il-kamra tal-Oraklu~~ hemm it-tpenġija magħrufa bħala **'Is-Siġra tal-Ħajja'**.<br>• Fil-parti t'isfel tal-Ipoġew kienu jaħbu t-teżori tagħhom.<br>• Instabet l-istatwa tal-Mara r-Rieqda.<br>• Huwa *World Heritage Site.*<br>(Ara Leonard Grech p.21-23.)<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni*** |
| S6.1.5 | Naraw għaliex in-nies ta' Żmien il-Bronż kienu differenti min-nies ta' | L-aħħar tempji li bnew in-nies ta' Żmien l-Imqades kienu t-tempji ta' Ħal Tarxien. Għal xi raġuni dawn in-nies telqu minn Malta jew inqerdu. Warajhom ġew in-nies ta' Żmien il-Bronż. Dwar Żmien il-Bronż, tajjeb li l-istudenti jkunu jafu li: |

| | | |
|---|---|---|
| | qabilhom. | • Il-bronż huwa metall li jsir b’taħlita ta’ ram u landa.<br>• In-nies ta’ Żmien il-Bronż ma bnewx imqades (imma użaw dawk li ħallew in-nies ta’ qabilhom).<br>• Huma ma kellhomx l-istess reliġjon bħan-nies ta’ Żmien l-Imqades.<br>• Kienu jaħarqu lill-mejtin tagħhom u l-fdal ipoġġuh taħt dolmen.<br>• Kien jagħmlu wkoll ġebel kbir wieqaf li jissejjaħ menħir.<br>• Għexu fi żminijiet imqallba għax l-arkeoloġi sabu fdalijiet li għandhom x’jaqsmu mal-gwerra bħal skieken, armi u postijiet iffortifikati f’Borġ in-Nadur (Birżebbuġa) u l-Baħrija.<br>(Ara Leonard Grech p.23-25.) |

**Blokk S6.2 Meta Missirijietna Ġew Attakkati 1.**
**MIRI ta’ Tagħlim**: *Nifhmu għala t-Torok Ottomani attakkaw lill-Gżejjer Maltin fl-1565 u għaliex il-Kavallieri u l-Maltin rebħu l-Assedju*

| **kodiċi** | **il-ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
|---|---|---|
| S6.2.1 | Għaliex it-Torok attakkaw lil Malta fl-1565? | 1. Nifhmu kif l-istorja ta’ Malta hija marbuta mal-istorja tal-qawwiet barranin li ħakmuha. Naraw x’jagħmel lill-Gżejjer Maltin daqshekk attraenti għall-qawwiet barranin:<br>• Il-qagħda strateġika – Minn Malta jista’ jsir kummerċ mal-kontinenti tal-Ewropa, l-Asja u l-Afrika.<br>• Il-portijiet – Il-Port il-Kbir, fond u kenni, żgur li kien attrazzjoni kbira għal min ried iwessa’ l-kummerċ fil-Mediterran.<br>• Il-klima – Il-klima tagħna hija ħanina ħafna u żgur li hi attrazzjoni għal kull min jitħajjar jgħix hawn.<br>2. Nifhmu r-raġunijiet għala t-Torok attakkaw lil Malta fl-1565:<br>• Il-qagħda stateġika ta’ Malta f’nofs il-Mediterran<br>• Il-kwistjoni tar-reliġjon (dik Nisranija kontra dik Islamika)<br>• L-Ordni ta’ San Ġwann minn dejjem kien l-għadu l-kbir tat-Torok, biżżejjed insemmu l-attakki li kienu jsiru fuq ix-xwieni ta’ xulxin.<br>Ara l-*video*: **GĦALIEX IT-TOROK ATTAKKAW LIL MALTA FL-1565**? – http://youtu.be/JAZqPQqPD0I<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Għaliex it-Torok Ottomani Attakkaw il-Gżejjer Maltin fl-1565?*** |
| S6.2.2 | Il-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu fil-Gżejjer Maltin fi żmien l-Assedju l-Kbir. | La Vallette ried jibbaża d-difiża tal-Gżejjer Maltin fuq dawn il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir:<br>• L-Isla, imdawra bis-swar u mħarsa mill-Forti San Mikiel<br>• Il-Birgu, imdawwar bis-swar u mħares mill-Forti Sant’Anġlu<br>• Il-Forti Sant’Iermu (fit-tarf tal-Għolja Xiberras) li jħares id-daħla għaż-żewġ portijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | L-Imdina u ċ-Ċittadella għalkemm mibnijin fuq għolja u mdawrin bis-swar kienu meqjusa bħala dgħajfa u 'l bogħod mill-qalba tad-difiża tal-Ordni. (Fl-Imdina nżammet il-kavallerija. It-Torok għamlu żball li m'attakkawx lill-Imdina għaliex il-kavallerija sikwit kienet tfixkel l-operazzjonijiet tal-armata Torka.)<br>Bl-użu ta' mappa nitgħallmu fejn jinsabu dawn il-fortifikazzjonijiet u nagħrfu forti minn ieħor permezz ta' ritratti jew stampi. (Ħafna minn dawn il-fortifikazzjonijiet għadhom jidhru sal-lum u nistgħu nżuruhom. Tajjeb li napprezzaw dan il-wirt storiku u nifhmu kemm għandna nibżgħu għalih.)<br><br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Fortifikazzjonijiet Madwar il-Port fl-1565***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***L-Imdina u ċ-Ċittadella – Fortifikazzjonijiet Oħra fl-1565*** |
| S6.2.3 | L-avvenimenti prinċipali u l-protagonisti tal-Assedju l-Kbir. | Nitgħallmu l-avvenimenti ewlenin tal-Assedju l-Kbir:<br>• Fit-18 ta' Mejju 1565 il-flotta Torka tasal Malta u tiddaħħal fil-port ta' Marsaxlokk.<br>• It-Torok jagħmlu l-kamp tagħhom il-Marsa u jattakkaw l-ewwel lil Sant'Iermu biex ikunu jistgħu jdaħħlu l-flotta għall-kenn tal-Port ta' Marsamxett.<br>• It-Torok jirbħu Sant'Iermu fit-23 ta' Ġunju iżda jitilfu lil Dragut.<br>• Wara huma jattakkaw lill-Birgu, l-Isla u l-fortizzi ta' Sant'Anġlu u San Mikiel iżda ma jkunu jistgħu jirbħuhom b'xejn.<br>• Fis-7 ta' Settembru tiġri l-aħbar li waslet għajnuna kbira (minn barra) għal Malta; it-Torok jaqtgħu qalbhom, jaqbdu x-xwieni tagħhom u jitilqu lura lejn pajjiżhom.<br>Naraw min kienu l-protagonisti tal-Assedju:<br>• Jean de Valette – il-Gran Mastru tal-Kavallieri u l-mexxej tal-Maltin li bir-rieda soda tiegħu għamel kuraġġ lill-Kavallieri u l-Maltin biex ma jċedux.<br>• Il-Maltin – li taw sehemhom bi qlubija kbira fl-Assedju, ewlieni fosthom Toni Bajada li kien jgħum bejn Sant'Anġlu u Sant'Iermu biex iwassal il-messaġġi.<br>• Is-Sultan Sulejman – is-Sultan Tork li bagħat l-armata tiegħu tattakka lil Malta għax ried jeqred lill-Kavallieri.<br>• Pialì – il-kap kmandant tal-flotta Torka<br>• Mustafà – il-kap kmandant tas-suldati Torok<br>• Dragut – il-furban Tork li ġie Malta wara li beda l-Assedju biex jieħu t-tmexxija kollha tat-Torok f'idejh. Għen mhux ftit biex it-Torok rebħu Sant'Iermu.<br>Ara l-*video*: **L-ASSEDJU L-KBIR TAL-1565** - http://youtu.be/RavUn1-8hu8 |

| | | |
|---|---|---|
| | | (Ara wkoll Id-Denfil 5, paġni 131-132 u Id-Denfil 6, paġni 163-166.)<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Assedju l-Kbir tal-1565***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *L-Assedju l-Kbir tal-1565 – il-Protagonisti*** |
| S6.2.4 | Għaliex it-Torok ma rebħux lill-Gżejjer Maltin fl-1565? | Naraw għalfejn it-Torok tilfu l-Assedju minkejja li kellhom ħafna iżjed suldati mill-Kavallieri u l-Maltin.<br>• Il-Kavallieri u l-Maltin kienu qegħdin jiddefendu ruħhom minn wara l-kenn tal-fortifikazzjonijiet li kienu b'saħħithom u armati tajjeb.<br>• Kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok.<br>• It-Torok riedu jieħdu ħsieb il-flotta tagħhom billi din kienet l-uniku mezz li setgħu jużaw biex imorru lura lejn pajjiżhom.<br>• Riedu wkoll jirbħu lil Malta fi żmien qasir qabel jibda l-maltemp tax-xitwa għax inkella ma jkunux jistgħu jbaħħru lura lejn pajjiżhom.<br>• It-Torok kienu qegħdin jibżgħu li jekk l-Assedju jdum tilħaq tasal l-għajnuna lill-Ordni mill-pajjiżi Nsara.<br>• It-Torok ma sabux x'jieklu u x'jixorbu billi l-Maltin qerdu kollox qabel ma ngħalqu fil-fortizzi. B'hekk batew minn nuqqas ta' ilma fi żmien is-sħana kbira tas-sajf.<br>• It-Torok kienu jħobbu jħaffru mini taħt is-swar tal-fortifikazzjonijiet; dawn ma rnexxilhomx jagħmluhom minħabba l-blat iebes ta' Malta. |
| S6.2.5 | X'kienet tfisser ir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin? | Naraw l-importanza ta' din ir-rebħa għall-Maltin u l-Kavallieri.<br>• Malta dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu u t-Torok ma reġgħux attakkawha.<br>• Il-Prinċpijiet Insara fehmu iżjed l-importanza ta' Malta u għenu billi bagħtu l-flus għall-bini tal-Belt Valletta (li beda mill-ewwel wara l-Assedju).<br>• Il-Kavallieri ddeċidew li jibqgħu Malta u ntrabtu iżjed mill-qrib ma' pajjiżna tant li bdew jissejħu l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta.<br>• Il-ġid f'pajjiżna beda jikber u Malta bdiet it-triq tal-progress.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Malta Wara l-Assedju l-Kbir*** |
| | | |
| **Blokk S6.3 Meta Missirijietna Ġew Attakkati 2.**<br>**MIRI**: *Għaliex inqalgħet il-gwerra? Naraw kif missirijietna ddefendew lilhom infushom fit-Tieni Gwerra Dinjija u kif għexu dawk iż-żminijiet diffiċli.* | | |
| **kodiċi** | **il-ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| S6.3.1 | Il-pajjiżi protagonisti tat-Tieni Gwerra u l-qagħda strateġika ta' Malta | Bħala introduzzjoni naraw il-*video*: http://youtu.be/JxFGq7FHsAo<br>1. It-Tieni Gwerra Dinjija ġiet miġġielda bejn l-Alleati (L-Ingilterra, Franza, l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika) u l-Assi (Il-Ġermanja, l-Italja u l-Ġappun). |

| | | |
|---|---|---|
| | | 2. Kif bdiet il-gwerra? Adolf Hitler, il-mexxej Ġermaniż tal-partit Nażista kien dittatur u bena armata kbira. Huwa invada l-Awstrija u ċ-Ċekoslovakkja u rebaħ il-Polonja. L-Ingilterra u Franza ppruvaw iwaqqfu lil Hitler milli jkompli jirbaħ iktar artijiet. Fl-10 ta' Ġunju 1940, Benito Mussolini, il-mexxej Taljan tal-partit Faxxista ssieħeb ma' Hitler u ddikjara gwerra kontra Franza u l-Ingilterra. Billi Malta kienet kolonja tal-Ingilterra sabet ruħha fil-gwerra awtomatikament.<br>3. Fl-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940 ajruplani Taljani attakkaw l-inħawi tal-Port il-Kbir. Minħabba l- pożizzjoni tagħha f'nofs il-Baħar Mediterran u d-distanza qasira sa Sqallija, Malta sabet ruħha fl-eqqel tal-ġlied. Minn Malta l-Ingliżi mexxew bosta mill-operazzjonijiet tal-gwerra fil-Mediterran, minn kmamar imħaffrin fil-blat magħrufa bħala *Lascaris War Rooms.* It-Taljani u l-Ġermaniżi għamlu minn kollox biex jieħdu jew ikissru lil Malta ħalli din ma tkomplix tfixkilhom.<br>• (Ara AMBJENT STORIKU, Kap 5 ta' Frank Tabone, paġna 63.) |
| S6.3.2 | Liema postijiet f'Malta ntlaqtu l-iktar fil-gwerra? | 1. Fil-gwerra Malta batiet ħafna minħabba l-ħbit mill-ajruplani Taljani u Ġermaniżi. Minn Sqallija l-ajruplani tal-għedewwa setgħu faċilment jattakkaw lil Malta. Dan għamilha diffiċli biex l-Ingilterra tibgħat għajnuna lil Malta. Hekk kif vapur mgħobbi bl-għajnuna għal Malta kien jidħol fil-Mediterran mill-Istrett ta' Ġibiltà, l-ajruplani tal-għedewwa ma kinux iħalluh bi kwietu.<br>2. Il-Maltin u l-Għawdxin kollha sofrew mill-attakki tat-Taljani u l-Ġermaniżi imma l-eħrex attakki sofrewhom in-nies tal-bliet u l-irħula li kienu qrib il-Port il-Kbir u l-ajruport.<br>• **Il-Port il-Kbir** – Minħabba t-tarzna, il-Belt Valletta, il-Furjana u l-Kottonera ntlaqtu ħafna. L-għedewwa kienu jippruvaw ikissru l-vapuri tal-gwerra li jkun hemm fit-tarzna għat-tiswija jew li jkunu deħlin/ħerġin mill-port.<br>• **L-Ajruport** – Ir-*runway* prinċipali kienet qrib Ħal Luqa; l-ajruplani tal-għedewwa kienu kontinwament jattakkaw l-ajruport biex ikissru r-*runway* ħalli l-Ingliżi ma jkollhomx minn fejn itellgħu l-ajruplani. Minħabba f'hekk Ħal Luqa, l-Imqabba u l-irħula tal-viċin kienu f'periklu kontinwu. Kien hemm *runways* oħra f'Ħal Far u f'Ta' Qali imma dawn kienu 'l bogħod mill-irħula.<br>3. X'kienu l-konsegwenzi ta' dan kollu?<br>• Bosta djar fil-bliet u l-irħula msemmija waqgħu taħt xita ta' bombi.<br>• Mietu ħafna nies mirdumin taħt id-djar imwaqqgħa.<br>• Waqgħu/Intlaqtu ħafna knejjes u bini importanti bħat-Teatru Rjal.<br>• Ħafna nies telqu minn darhom u marru joqogħdu f'irħula fil-kampanja. |
| S6.3.3 | L-esperjenza tal-Maltin fit-Tieni Gwerra Dinjija | Mhux faċli nifhmu t-tbatija kbira, il-ġuħ u l-għaks li sofrew il-Maltin fit-Tieni Gwerra Dinjija. Biex nieħdu idea naraw il-*video*: http://youtu.be/VeiVHq8TpXk<br>1. Waqt il-ħbit mill-ajru l-popolazzjoni kienet tistkenn fix-xelters. Il-gvern Ingliż kien iħaffer mina (kuritur) |

| | | |
|---|---|---|
| | | fil-blat u l-familji kienu jħaffru kmamar għalihom mal-ġnub. Kull xelter kien ikollu żewġ daħliet, biex jekk bomba tordom daħla minnhom, in-nies ikunu jistgħu jużaw id-daħla l-oħra.<br>2. Bħala difiża kien hawn għadd ta' kanuni (imsejħa batteriji) madwar Malta u Għawdex biex is-suldati jisparaw fuq l-ajruplani tal-għedewwa hekk kif dawn jitbaxxew għall-attakk. Ir-radar għen ħafna biex is-suldati jindunaw minn qabel li jkunu ġejjin l-ajruplani tal-għedewwa u hekk ikunu lesti għalihom. Kienet tindaqq is-sirena biex in-nies jinżlu fix-xelters. Minħabba l-periklu ta' invażjoni, ix-xtut kienu mdawra bil-*barbed wire* u saru għadd ta' *pill-boxes* (kmamar żgħar tal-konkos b'toqob żgħar minn fejn is-suldati setgħu jisparaw bil-*machine-guns*) biex issir għassa fil-bajjiet u l-kampanja. Fil-bidu Malta kellha biss tliet ajruplani qodma, imlaqqma *Faith*, *Hope* u *Charity*. Maż-żmien waslu aktar armamenti u ajruplani aħjar.<br>3. Kien hawn ġuħ kbir, tant li f'nofs l-1942 Malta kienet se ċċedi. Il-konvojs (vapuri mgħobbija bl-għajnuna) ma bdewx jaslu. Ġew organizzati l-*victory kitchens* biex tittaffa l-problema tan-nuqqas ta' ikel. Bil- konvoj ta' Santa Marija, li wasal f'Awwissu tal-1942, Malta setgħet tieħu ftit tan-nifs.<br>4. Il-qlubija u s-sagrifiċċju tal-Maltin kienu ppremjati bl-għoti tal-*George Cross*.<br>5. Matul l-1943 l-attakki mill-ajru bdew jonqsu ftit ftit sakemm waqfu għal kollox hekk kif l-Italja ċediet f'Settembru tal-1943. (Fil-fatt fit-8 ta' Settembru ssir it-tifkira taż-żewġ assedji: l-Assedju l-Kbir tal-1565 u tmiem it-Tieni Gwerra għal Malta.)<br>(Ara Frank Tabone, paġni 64-69 u Id-Denfil 6 paġni 202-210.) |
| S6.3.4 | Xeni mill-gwerra: Nitgħallmu mir-ritratti | • Permezz ta' stampi u ritratti ta' żmien il-gwerra nippruvaw nifhmu minn xiex għaddew missirijietna. Xi eżempji: Il-ħerba fil-Port il-Kbir, ix-xelters, id-difiża, il-konvoj, eċċ...<br>• Inqabblu ritratti ta' postijiet li ġġarrfu fil-gwerra ma' stampi jew ritratti tal-istess postijiet kif kienu qabel il-gwerra u kif inhuma llum. Xi eżempji: It-Teatru Rjal (illum mibdul f'teatru miftuħ), il-Berġa ta' Alvernja (illum insibu minflokha l-bini tal-qorti), il-Berġa ta' Franza (illum insibu minflokha l-kwartier ġenerali tal-GWU), il-knisja tal-Mosta, il-pont tal-*breakwater*, eċċ...<br>(Ara Frank Tabone, paġni 73-77.) |
| S6.3.5 | Nagħmlu riċerka dwar monumenti u tifkiriet oħra tat-Tieni Gwerra Dinjija li nsibu madwarna. | 1. Xi wħud mill-anzjani tagħna huma tifkira ħajja tal-gwerra. Mir-rakkonti tagħhom nistgħu nitgħallmu ħafna esperjenzi li ma nsibux fil-kotba tal-istorja. Inħajru lill-istudenti jagħmlu intervisti magħhom jew nistednuhom jiġu l-iskola biex jitkellmu dwar il-gwerra.<br>2. Xi tifkiriet oħra tat-Tieni Gwerra Dinjija li għadna nistgħu naraw madwarna huma:<br>• Il-monument tal-gwerra fil-Furjana – F'Jum it-Tifkira (li jiġi ċċelebrat f'Novembru fil-pajjiżi kollha tal-*Commonwealth*) jitqiegħdu fjuri biex jitfakkru l-vittmi taż-żewġ gwerer dinjija.<br>• Il-mużew tal-gwerra – Fost it-tifkiriet l-iżjed importanti li nistgħu naraw hemm il-*George Cross* u l-ajruplan *Faith*. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-lapida mal-Palazz tal-Gran Mastri li tfakkar l-għoti tal-*George Cross*<br>• Il-lapidi li jfakkru l-vittmi tal-gwerra f'kull belt u raħal<br>• Il-*pill-boxes* – Għalkemm ħafna minnhom huma mitluqin, dawn huma fdal tal-gwerra li għandna napprezzaw.<br>• Ix-xelters – Ħafna minnhom ġew restawrati mill-kunsilli lokali u għalhekk huma aċċessibbli għal żjarat edukattivi.<br>Għal aktar suġġerimenti ara Frank Tabone, paġna 80. |
| | | |
| **Blokk S6.4 Belt Kapitali Ġdida għal Malta**<br>**Miri ta' Tagħlim**: *Nifhmu għaliex bdiet tinbena belt kapitali ġdida għal Malta fl-1566 u naraw liema huma l-binjiet prinċipali li bnew fiha l-Kavallieri.* | | |
| **kodiċi** | **il-ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| S6.4.1 | Nifhmu l-ħtieġa li tinbena belt ġdida u naraw għalfejn intgħażlet l-għolja Xiberras. | 1. Kien meħtieġ li tinbena belt ġdida, sabiħa u b'saħħitha għal Malta għal ħafna raġunijiet, fosthom:<br>• Il-fortifikazzjonijiet kollha ta' madwar il-Port il-Kbir kienet saritilhom ħsara kbira fl-Assedju.<br>• Kien hemm il-biża' ta' attakk ġdid min-naħa tat-Torok.<br>• Il-Gran Mastru de Valette ried jikkonvinċi lill-Kavallieri biex jibqgħu Malta (belt ġdida setgħet tagħtihom ftit mill-kumdità li kellhom f'Rodi).<br>2. Ġie deċiż li l-belt il-ġdida tinbena fuq l-għolja Xiberras minħabba li l-pożizzjoni strateġika tagħha kienet toffri ħafna vantaġġi għad-difiża, fosthom:<br>• l-għoli tal-art<br>• kienet peniżola mdawra bil-baħar minn kullimkien ħlief min-naħa waħda<br>• kienet tħares fuq 2 portijiet importanti.<br>(Ara AMBJENT STORIKU, Kap 4 ta' Mario Debono u George Calleja, paġna 50.)<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Għaliex inbniet il-Belt Kapitali l-Ġdida?***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Qagħda Strateġika tal-Peniżola Xiberras*** |
| S6.4.2 | Naraw x'sehem kellhom Franġisku Laparelli u Ġlormu Cassar fil-bini tal-belt il-ġdida. | Il-periti Franġisku Laparelli u Ġlormu Cassar kellhom sehem speċjali fl-ippjanar u l-bini tal-belt il-ġdida. Niftakru li:<br>• Laparelli kien il-perit espert tal-Papa Piju V li ntbagħat Malta mill-Papa nnifsu biex ifassal il-pjanta tal-belt il-ġdida. Laparelli ġab miegħu 500 ħaddiem Taljan biex jgħinu fix-xogħol tal-bini u jħarrġu ħaddiema Maltin.<br>• Cassar kien il-perit Malti li ħa ħsieb ix-xogħol fuq il-belt il-ġdida wara Laparelli. Huwa fassal il-pjantita' |

| | | |
|---|---|---|
| | | ħafna binjiet importanti, fosthom: il-Knisja Konventwali, il-Palazz tal-Gran Mastri, is-7 bereġ u x'aktarx l-isptar tal-ordni wkoll.<br>(Ara M. Debono u G. Calleja p.53 u 55.) |
| S6.4.3 | Id-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar il-bini tal-Belt u d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom. | 1. L-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida tqiegħdet fit-28 ta' Marzu, 1566 (fil-post fejn inbniet il-knisja tal-Vitorja). Ġie deċiż li l-belt tissemma Valletta f'ġieħ il-Gran Mastru Jean de Valette li kien għadu kif mexxa lill-Maltin u l-Kavallieri fir-rebħa tal-Assedju kontra t-Torok.<br>2. Il-bini tal-Belt Valletta kien jitlob ħafna riżorsi, fosthom:<br>• Il-flus – Fl-ewwel 5 snin intefqu mat-3.5 miljun skud; ħafna mill-ispejjeż tħallsu mill-Kavallieri nfushom u mis-slaten Ewropej (Ir-re Filippu II ta' Spanja ta 20,000 skud).<br>• L-ippjanar - Dan tħalla f'idejn il-periti Laparelli u Cassar.<br>• Il-ġebel tal-franka – Dan kellu jinqata' mill-barriera tal-Manderaggio fil-Belt stess.<br>• Il-ħaddiema - Peress li fil-bidu kien hemm nuqqas ta' ħaddiema, biex jiġu mħajra bennejja Maltin jidħlu għax-xogħol, il-ħaddiema bdew jitħallsu tajjeb u jingħataw l-ikel ukoll. Dan wassal biex madwar 10,000 ruħ daħlu jaħdmu fuq il-bini tal-belt.<br>3. Il-bereġ tal-Kavallieri ma nbnewx maqtugħin għalihom mill-bqija tad-djar tal-Belt (bħalma kien sar fil-Birgu) għax kien ġie deċiż li l-*collachio* (parti mill-Belt riservata biss għall-Kavallieri) ma ssirx.<br>4. Minħabba li l-Belt ma kellha ebda għajn ta' ilma ġieri, ġie deċiż li kull binja ried ikollha bir. Saru wkoll regoli dwar l-iġjene u s-sbuħija tal-belt, fosthom li kull kantuniera kellha tkun imżejna.<br>5. Diffikultà li ltaqgħu magħha waqt il-bini tal-belt kienet il-barriera tal-Manderaggio. Fil-barriera ġebel tal-franka ftit kien hemm u malli tfaċċa ż-żonqor il-barriera ġiet abbandunata. B'hekk il-franka kellha tinġieb b'iktar taħbit minn barrieri barra l-Belt. Peress li ma sarux pjanijiet oħra għall-Manderaggio, il-post malajr imtela b'kerrejjiet li ma jħarsu ebda regola ta' iġjene jew sbuħija.<br>6. Fl-1571 il-Gran Mastru Del Monte ddeċieda li kien sar xogħol biżżejjed biex il-Kavallieri jibdew joqogħdu fil-belt il-ġdida. Issa x-xogħol tal-bini kien qabad ritmu mgħaġġel. Il-Maltin bdew deħlin bi ħġarhom biex joqogħdu fil-belt il-ġdida.<br>Ara l-*video*: **MILL-BIRGU LEJN IL-BELT VALLETTA** - http://youtu.be/EHt_-OyAC80<br>(Ara wkoll Id-Denfil 5, paġni 136-139.) |
| S6.4.4 | Niskopru l-binjiet prinċipali tal-Kavallieri li jikkaratterizzaw il-Belt Valletta. | Inħajru lill-istudenti jfittxu informazzjoni ħafifa dwar il-binjiet l-iktar importanti li bnew il-Kavallieri fil-Belt Valletta. Naraw meta nbnew dawn il-binjiet, min kien il-perit, min ħallas għall-bini u x'fihom interessanti. Naraw ukoll għaliex dawn il-binjiet kienu u għadhom importanti u nifhmu kemm għandna nieħdu ħsiebhom.<br>Nikkonċentraw fuq:<br>• Il-Palazz tal-Gran Mastri (Il-Palazz tal-President) |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Bereġ tal-Kavallieri (Mis-seba' bereġ li ddisinja Cassar, il-Bereġ ta' Aragona, ta' Provenza, tal-Italja u ta' Kastilja għadhom wieqfa.)<br>• Il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann (Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann)<br>• Is-Sagra Infermerija (Dar il-Mediterran għall-Konferenzi).<br>Ara l-*video*: **BINI IMPORTANTI FIL-BELT** - http://youtu.be/wgxBhHNZ4C0<br>(Ara wkoll M. Debono u G. Calleja p.57.)<br><br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Bini Importanti 1 – Il-Bereġ u s-Sagra Infermerija***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Bini Importanti 2 – Il-Palazz tal-Gran Mastru***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6) *Bini Importanti 3 – Il-Konkatidral ta' San Ġwann*** |
| S6.4.5 | Napprezzaw is-sbuħija tal-Belt Kapitali Maltija u nifhmu l-bżonn li nieħdu ħsiebha sew. | 1. Il-Kavallieri riedu li l-Belt Valletta tkun fost **l-aqwa** bliet ta' dak iż-żmien. Is-swar li jdawruha, maqtugħin direttament ġol-blat, tant kienu b'saħħithom li kienu jbeżżgħu lill-għedewwa u l-Kavallieri kellhom rashom mistrieħa mid-difiża tal-gżira.<br>2. Il-Kavallieri riedu wkoll li l-Belt Valletta tkun fost **l-isbaħ** bliet ta' dak iż-żmien, belt li tixraq lil mexxejja nobbli bħalhom. Għalhekk bdew jagħtu iżjed kas tat-tiżjin u l-kumdità. Gran Mastru wara l-ieħor daħlu f'kompetizzjoni bejniethom min kellu l-ħila jsebbaħ il-Belt l-iżjed – xi eżempji:<br>• Wara li l-Gran Mastru Alof de Wignacourt wassal l-ilma fil-Belt permezz tal-Akwedott, bdew isiru ħafna funtani u ġonna.<br>• Fi żmien il-Gran Mastru Rafel Cotoner saret il-pittura tas-saqaf tal-Kon-Katidral, xogħol ta' Mattia Preti.<br>• Il-Gran Mastru Perellos żejjen il-Palazz Maġistrali b'sett ta' arazzi famużi.<br>• Il-Gran Mastru de Vilhena bena t-teatru Manoel.<br>• Il-Gran Mastru Pinto bidel il-faċċata tal-Berġa ta' Kastilja għal stil barokk tal-ogħla livell.<br>Dan kollu ta spinta lill-kultura u l-Belt saret tassew "belt mibnija mill-ġentlomi għall-ġentlomi". Mhux ta' b'xejn li l-Belt Valletta hija meqjusa bħala *World Heritage Site*. L-arkitettura barokka u l-opri tal-arti li fiha huma wirt tal-umanità kollha.<br>3. Naturalment dan ifisser li għandna r-responsabbiltà li nieħdu ħsiebha u nikkonservawha. Minbarra r-restawr li jkun hemm bżonn isir minn żmien għal żmien irridu noqogħdu attenti li ma nkunux qed nagħmlu l-ħsara aħna stess – xi eżempji:<br>• Ma nimxux bit-tkaken fuq il-paviment tal-Kon-Katidral.<br>• Nikkontrollaw it-traffiku għaliex id-dħaħen jagħmlu l-ħsara lill-ġebel. |

| | | |
|---|---|---|
| | | (Ara M. Debono u G. Calleja p.58.)<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 6)** ***Il-Konservazzjoni u r-Restawr, u l-Promozzjoni tal-Belt Kapitali tagħna*** |
| | | |